# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 22 ta' Ottubru, 2021

**Fl-atti tar-Rikors Nru 749/2021ISB fl- ismijiet:**

**Melita Marine Ltd.**, kumpannija reġistrata taħt il-liġijiet ta' Malta bl-ittra "C" numru "24026" u b'indirizz reġistrat ta' 201, The Strand, Ġżira GZR1023, Malta.

vs

**Eco-Melita Ltd**, kumpannija reġistrata taħt il-liġijiet ta' Malta bl-ittra "C" numru "97845" u b'indirizz reġistrat ta' 21, Four Winds, Flat 7, Triq Frans Minuti, Xgħajra, Malta

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Melita Marine Ltd,** kumpannija registrata f'Malta bin-numru C-24026, pprezentat fit-30 ta' Lulju 2021;

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors;

Rat id-Digriet taghha tat-2 ta' Awissu 2021;

Rat ir-Rikors mressaq b'urgenza mis-socjeta` Eco-Melita Limited (C-97845) tat-2 ta' Settembru 2021, mressaq ai termini tal-Artikolu 8(4) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn wara l-premessi hemmek maghmula, talbet lil din il-Qorti joghgobha:

1. ***Tirrevedi u tikkancella l-mizuri mahruga permezz ta' digriet datat 2 ta' Awissu 2021 konsistenti fi projbizzjoni mill-uzuz tat-terminu "Melita" u/jew, fin-nuqqas;***

2. ***Tordna lir-rikorrenti tiddepozita garanzija adegwata jew assikurazzjoni ekwivalenti li tkun intiza biex tizgura kumpens ghal kull pregudizzju mgarrab mill-konvenuta.***

Rat ir-Risposta tas-socjeta` Melita Marine Limited wara li din giet ammessa b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2021.

**Regghet Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 8(4) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi **l-Art. 8(4) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta** ighid espressament hekk:

> *F'każijiet adatti, u partikolarment meta tqis li kull dewmien ikun ser jikkaġuna ħsara lid-detentur tad-dritt li ma tissewwiex, il-Qorti għandha tieħu dawk il-miżuri li hemm imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) mingħajr il-ħtieġa li qabel tisma' lill-konvenut.*
>
> *F'każ bħal dak, il-partijiet għandhom jiġu mgħarrfa b'dan mingħajr ebda dewmien u f'kull każ mhux iżjed tard minnufih wara li jkunu ġew eżegwiti dawk il-miżuri:*
> ***Iżda l-konvenut ikollu d-dritt jitlob lill-Qorti permezz ta' rikors li din tirrevedi l-miżuri hawn qabel imsemmija bil-għan li jiġi deċiż, fi żmien raġonevoli wara n-notifika ta' dawk il-miżuri, jekk dawk il-miżuri għandhomx jiġu modifikati, revokati jew konfermati.***

Il-kliem tal-ligi huwa car. Il-Qorti ghalhekk, trid issa, una volta ghandha quddiemha ir-rikors u kif ukoll ir-risposta, tiddeciedi jekk il-mizuri ordnati bid-digriet tat-2 ta' Awissu 2021 ghandhomx jigu modifikati, revokati jew konfermati. Id-diskrezzjoni tal-Qorti hija wiesgha.

Ai termini tas-sub-inciz (7) tal-istess Artiklu 8 tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra testwalment hekk :

> *Meta l-miżuri proviżorji msemmija hawn qabel jiġu revokati mill-Qorti, jew meta dawn jiskadu minħabba f'xi att jew ommissjoni tar-rikorrent, jew meta l-Qorti sussegwentement tiddeċiedi li ma kien hemm ebda ksur jew theddida ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, il-Qorti għandu jkollha s-setgħa tordna lir-rikorrent, fuq talba li ssirilha permezz ta' rikors tal-konvenut, biex jagħti lill-istess konvenut kumpens adatt għal kull ħsara li huwa seta' ġarrab minħabba f'dawk il-miżuri.*

Is-socjeta` rikorrenti qed titlob sabiex il-Qorti tordna lis-socjeta` rikorrenti tiddeposita garanzija adekwata jew assikurazzjoni ekwivalenti li tkun intiza biex tizgura kumpens ghal kull pregudizzju mgarrab mis-socjeta` konvenuta.

Tiddeciedi x'tiddeciedi il-Qorti hawnekk, irid jinghad car illi din il-Qorti mhux qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet gja avvanzati fil-kawza li ssegwi din il-procedura ta' mizura prottettiva u provvizorja pendenti appuntu l-ezitu tal-kawza msemmija. U lanqas ma' ghandu jigi b'xi mod interpretat dan.

Is-socjeta` rikorrenti, tibda biex taghti sfond dwar in-negozju gestit miz-zewg kontendenti, u din il-Qorti tikkonkludi fuq livell *prima facie*, illi certament illi it-tnejn joperaw fis-settur marittimu, settur partikolari, u mhux eskluz (haga li forsi ghad trid tigi amplifikata fil-kors tal-provi fil-kawza) illi hemm ukoll *overlap* fl-attivitajiet kummercjali taghhom.

Is-socjeta` rikorrenti taghmel referenza ghad-Digriet ta' din il-Qorti diversament preduta fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni 439/2015 u tirreferi ghall-principji ta' (a)

proporzjonalita' tal-mizuri, (b) il-garanziji f'kaz illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti ma jkunux giustifikati u (c) d-dannu irreparabbli li jista' jsir lis-socjeta` intimata (hawnekk rikorrenti).

Huwa minnhu illi l-Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha tat-2 ta' Awissu 2021 minghajr ma semghet il-verzjoni jew sottomissjoni tas-socjeta` hawnekk rikorrenti (ghaliex il-ligi dan tippermettih u ghalhekk illi l-istess ligi tipprovdi ghal dan l-odjern r-rimedju) – izda huwa minnhu ukoll illi meta l-Qorti tat id-decizjoni taghha hawnekk impunjata, hija fittxet illi taghmel dan b'ragjonevolezza u proporzjonalita'.

Principji dawn illi qed jiggwidaw lill-Qorti ukoll fit-tehid tad-decizjoni taghha odjerna.

U ghalhekk illi qed jinghad illi l-Qorti fliet issa dak li kellha xi tghid is-socjeta` rikorrenti Eco-Melita Limited u ezaminat ukoll id-diversi dokumenti ppresentati.

Il-Qorti tqis illi dak sottomess mis-socjeta` rikorrenti huwa fis-sustanza tieghu mertu illi ghandu jigi trattat fil-kors tal-kawza intavolata mis-socjeta` Melita Marine Limited, u ghal finijiet ta' din il-procedura, li minn natura taghha hija simili ghal Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti mhix sodisfatta illi fuq livell *prima facie*, hemm ragunijiet ghaliex hija ghandha tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu 2021.

B'dana kollu tqis gustifikata it-tieni talba mressqa mis-socjeta` rikorrenti Eco-Melita Limited u sejra tghaddi biex takkolji dik it-talba u tordna id-depozitu ta' garanzija adegwata jew assikurazjzoni ekwivalenti. Il-Qorti mhix konvinta minn dak li ecceppiet is-socjeta` Melita Marine Limited sabiex tirribbatti it-talba ghall-ordni ta' garanzija u ma tarax raguni ghaliex m'ghandiex issir l-ordni ta' tali depositu ta' garanzija.

Il-Qorti ma tistghax b'dana kollu ma tinnotax dak sottomess mis-socjeta` Melita Marine Limited fir-risposta taghha riferibbli ghall-allegazzjonijiet li qed isiru fis-sens illi minkejja l-ordnijiet tal-Qorti, is-socjeta` rikorrenti Eco-Marine Limited qed tonqos milli tottempra ruha. Il-Qorti mhix ser tidhol fil-materja dwar jekk dawk l-allegazzjonijiet humiex veritieri jew le u mhux ser tesprimi ruha dwar dan f'dan l-istadju, anke ghaliex ma semghetx lis-socjeta` Eco-Melita Limited fir-rigward - izda <u>tissollecita liz-zewg partijiet illi jaderixxu ruhom mal-obbligi taghhom u fuq kollox mal-ordnijiet li l-Qorti tista' tat jew ghad trid taghti</u>. Il-Qorti,

sakemm possibbli, sejra tassikura illi l-kawza titmexxa bi spedezza u minghajr dewmien.

**GHALHEKK**, fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi ghandha :

1. **Tichad** l-ewwel talba kif kontenuta fir-rikors ta' Eco-Melita Limited tat-2 ta' Settembru 2021, u tikkonferma d-digriet taghhha tat-2 ta' Awissu 2021, izda zzid mieghu billi;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna lis-socjeta` Melita Marine Limited sabiex sa mhux aktar tard minn xahar mill-llum, hija tiddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) jew polza tal-assikurazzjoni ekwivalenti ghal dan l-ammont.

Bl-**ispejjes** tal-odjerna procedura rizervati ghal gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

Digriet Kamerali moghti llum 22 ta' Ottubru 2021.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**